

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/3

tal-4 ta' Jannar 2018

li jiffissa l-volumi indikattivi għas-snin 2018 u 2019 għall-finijiet tal-applikazzjoni possibbli ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali fuq ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 ⁽²⁾ jipprevedi li dazju tal-importazzjoni addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jista' jiġi applikat għall-prodotti u matul il-perjodi elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Dak id-dazju tal-importazzjoni addizzjonali jrid japplika jekk il-kwantità ta' kwalunkwe wieħed mill-prodotti mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni libera għal kwalunkwe wieħed mill-perjodi ta' applikazzjoni stabbiliti f'dak l-Anness taqbeż il-volum indikattiv ta' importazzjonijiet f'sena għal dak il-prodott. Dazji tal-importazzjoni addizzjonali ma għandhomx jiġu imposti meta l-importazzjonijiet ma jkunux mistennija jfixklu s-suq tal-Unjoni, jew meta l-effetti jkunu sproporzjonati għall-objettiv maħsub.
- (2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-volumi indikattivi tal-importazzjonijiet għall-applikazzjoni possibbli ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali fuq ċertu frott u ħxejjex huma bbażati fuq dejta dwar l-importazzjoni u fuq dejta dwar il-konsum domestiku tul l-aħħar tliet snin. Abbażi tad-dejta nnotifikata mill-Istati Membri għas-snin 2014, 2015 u 2016, il-volumi indikattivi għal ċertu frott u ħaxix jenħtieġ li jiġu ffixxati għas-snin 2018 u 2019.
- (3) Filwaqt li jitqies li dak il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali possibbli, kif stipulat fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, jibda għal għadd ta' prodotti fl-1 ta' Jannar, dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2018, u għaldaqstant jenħtieġ li jidħol fis-seħħ mill-iktar fis,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-snin 2018 u 2019, il-volumi indikattivi msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-prodotti elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 huma stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠUL 138, 25.5.2017, p. 57).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Volumi indikattivi għall-prodotti u l-perjodi stipulati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, għall-applikazzjoni possibbli ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali

Mingħajr ħsara għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa indikattiva biss. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji tal-importazzjoni addizzjonali jiġi ddeterminat mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet NM kif jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni		Volum indikattiv (ftunnellati)
			2018	2019	
78.0015	0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru		39 326
78.0020			Mill-1 ta' Ottubru	sal-31 ta' Mejju	483 376
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru		26 505
78.0075			Mill-1 ta' Novembru	sat-30 ta' April	20 482
78.0085	0709 91 00	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru	sat-30 ta' Ġunju	6 587
78.0100	0709 93 10	Zukkini (qarabagħli żgħir)	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru		55 037
78.0110	0805 10 22 0805 10 24 0805 10 28	Larinġ	Mill-1 ta' Diċembru	sal-31 ta' Mejju	302 643
78.0120	0805 22 00	Klementina	Mill-1 ta' Novembru	sa tmiem Frar	90 771
78.0130	0805 21 0805 29 00	Mandolina (inklużi l-varjetajiet tangerines u satsumas); wilkings u ibridi simili taċ-ċitru	Mill-1 ta' Novembru	sa tmiem Frar	86 317
78.0155	0805 50 10	Lumi	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju		32 823
78.0160			Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru		306 804
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mis-16 ta' Lulju sas-16 ta' Novembru		78 324
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu		432 630
78.0180			Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru		39 724
78.0220	0808 30 90	Lanġas	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April		155 417
78.0235			Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru		19 187

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni		Volum indikattiv (ftunnellati)
			2018	2019	
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju		4 630
78.0265	0809 29 00	Ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa	Mis-16 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu		33 718
78.0270	0809 30	Ħawħ, inkluż nuċiprisk	Mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru		3 150
78.0280	0809 40 05	Għanbaqar	Mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru		17 254